**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can) Ph.D**

**Appell Nru: 455 / 2021**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Roderick Cioffi**

Illum, 15 ta' Frar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Roderick Cioffi, iben Angelo u Doris nee' Camilleri, mwieled il-Pieta', nhar il-5 ta' Dicembru, 1977, residenti gewwa 71, Stelmar, Triq Dun Guzepp Demicoli, Ghaxaq, detentur tal karta tal-identita' Maltija bin-numru 9578 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Fuq talba tal-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol, gie akkuzat talli fil-kapacita' tieghu personali, u/jew bhala persuna li ghamlet xoghol fi 80-82, Triq Sant' Antnin, San Pawl il-Bahar, nhar is-7 ta' Ottubru, 2019, matul il-gurnata, u/jew fil-gimghat u/jew fix-xhur ta' qabel, naqas milli jhares is-sahha u s-sigurta' tieghu, kif ukoll tal-persuni li setghu gew affettwati bix-xoghol li kien qed isir, u dan billi naqas milli jiehu l passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment, jew mewt fuq il-post tax-xoghol, u naqas milli jiehu l-mizuri necessarji sabiex ir riskji jigu ridotti kemm huwa

ragonevolament prattiku, u dan ai termini ta' Artikolu 7 (1) ta' Att 27/2000, Kap. 24.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Dicembru, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti senjatament l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil Roderick Cioffi hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament ikkundanatu ghall-multa ta' Eur. 2000.

Rat ir-rikors tal-appellanti Roderick Cioffi minnhu pprezentat fis-17 ta' Dicembru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1) Tvarja is-sentenza appellata b'dana illi tillibberrah minn kull htija u thassar dik il-parti li titratta l-piena.

2) Minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tichad l-ewwel talba u issibu hati tal-imputazzjoni, timponi multa redotta.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis segwenti:

**[1] Apprezzament hazin tal-provi**

Illi biex jippruvaw il-kaz taghhom il-prosekuzzjoni ressqet affidavit ta' **Mira Borg Pisha**, ufficjal tal-Awtorita' dwar is-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax Xoghol iktar il-quddiem maghrufa OHSA fejn hija qalet, li qalet lil imputat li xoghol kellu jieqaf. In vista tal-fatt li hemm kontradizzjoni cara dwar dak li qal l-imputat u dak li qalet l-ufficial tal-OHSA fl-ebda hin ma gie prezentat lis-Stop notice li suppost gie prezentat lill-imputat. Ghalhekk kif jista' wiehed joqghod fuq dak li dikkjarat l-Ufficial tal-OHSA meta naqqsu milli jipprovdu l-prova ta' dak li kienet qed tishaq fl-affidavit taghha?

Illi inkwantu ghas-safety fit-tarag u irpar necessarju l-ewwel Qorti strahet biss fuq ritratti provduti mill-ufficjal tal-OHSA li forsi b'muqqas ta attenzjoni jew b'nuqqas ta hila migbudin b'certu angolu, ta' tarag mill-pjan terran ghal ewwel sular. Illi l-ewwel Qorti naqqset milli tikkonstata illi fir-rigward t' irpar fejn hemm inqas minn zewg metri gholi m'hemmx necessita li jsir irpar hekk kif stabbilit fil-ktieb tal-Kors dwar is-Sengha tal-Bini miktub mill-Mastru Joseph Camilleri a fol 110 fejn jghid hekk:

> "*Fil-kaz ta ftuh, rokna ksur jew tarf li minnu tista' taga persuna ghal distanza ta' aktar minn zewg metri gholighandu jkun hem irpar xieraq...*"

Illi hekk kif wiehed jista jikkonstata anke mir-ritratti provduti il-binja hija ferm dejqa u l-gholi mir-rifsa ta' l-ewwel targa ghal fejn jigi ezattament fuqha fuq in-naha ta' barra huwa inqas minn zewg metri gholi filwaqt li fil-kumplament tal-binja it-tarag qieghed bejn zewg hitan.

Madankollu l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament erronju tal-ligi applikabbli ghal turgien meta waslet ghal konkluzjoni li l-imsemmi tarag kellu bzonn irpar.

Illi l-ufficjal ta' l-OHSA naqqset ukoll milli tara b'għajnejha il-fatt li l-appartamenti l-ohra kienu magħluqin bil-bieb ta' barra ghalhekk l-ebda persuna ma kellha access u naqqset milli tiddokumenta jekk hux minnu li s sular tal-penthouse kien hemm l-irpar necessarju ghall-kuntlarju ta l-imputat li gab il-prova tar-ritratti li ghaddielu is-sid tal-binja li ha dak inhar stess fejn juri li l-penthouse hija imdawwra b'apramorta fuq barra taghha ghaliex hija irtirata term il-gewwa mill-faccata u ghalhekk ina hemm l-ebda raguni li jkun hemm irpar. Madankollu l-ewwel Qorti strahet biss fuq dak li kien miktub fl-affidavit ta' l-Ufficjal tal-OHSA u skartat ghal kollox il-provi migjuba mill-imputat.

Di piu l-imputazzjonijiet ma jirriżultawx soddisfacentement ippruvati ghaliex il-prosekkuzzjoni naqqset milli tipprovdi id-dokumenti kollha neccessarji sabiex ma jkun hemm l-ebda l-icken dubju illi l-imputat kien hati tal-akkuzi imressqa kontrih.

**[2] Mitigazzjoni tal-piena**

Illi l-esponenti appellant jhoss illi fl-isfond tac-cirkostanzi suesposti, l-multa imposta lilu ta' 2,000 ewro hija ferm sproporzjonata u eccesiva tenut kont il-fatt illi l-multa amministrattiva kienet ta' 250 ewro u addirittura speci ta' kkastigatu talli ma qabilx mad-decizjoni tal-Awtorita' meta wehhlitu multa ta 2,000 Ewro.

L-imputat ghandu kondotta nadifa u tali ezekuzzjoni tal-piena tista thammiglu il-kondotta tieghu u ttelfu milli jahdem f'certu djar ta' klijenti li ma jaccettaw qatt li jdahhlu gewwa darhom bniedem b'kondotta mahmuga.

Semghet lill-partijiet jitrattw il-kaz u dan fis-seduta tat-8 ta' Frar 2022.

**Ikkunsidrat,**

Rat l-affidavit ta' **Mira Borg Pisha** esebit fl-atti a fol 2 fejn spjegat li nhar is-7 ta' Ottubru, 2019 ghamlet spezzjoni go sit ta' kostruzzjoni u cioe fi 80/82 Triq Sant Antnin, gewwa San Pawl il-Bahar.

Meta waslet fuq il-post osservat sit ta' kostruzzjoni li kien fi stat avvanzat ta' xoghlijiet (ara Dok A). Waqt l-ispezzjoni innutat ukoll illi minn gewwa is-sit kellha diversi nuqqasijiet ta' ilqugh fosthom galleriji minghajr ilqugh (ara dok B ritratt numru 5-6), tarag minghajr poggaman (ara Dok B ritratt numru 1-2) u xaftijiet tal-lift minghajr ilqugh (ara Dok B ritratt numru 4).

Fil-hin tal-ispezzjoni tkelmet ma Roderock Cioffi u dan kkonferma li kien qieghed jaghmel xoghol ta' twahhil ta' madum fis-sulari ta' fuq. Is-sur Cioffi kkonferma li kien il-persuna li kien qed jahdem ghar-rasu u li kien qieghed jahdem gol-blokka imsemmija.

In segwitu minhabba n-nuqqasijiet li gew osservati inghata ordni verbali biex jieqaf mix-xoghlijiet. Gie spjegat lil Roderick Cioffi li fejn hemm riskju ta' waqghat mill-gholi kellhom jittiehdu mizuri ta' protezzjoni bhal 'railing' ta' sigurta. Il-bennieni kellhom ikunu solidi, gholjin bizzejjed u jkollhom almenu zokklu, poggaman principali u poggaman intermedju. In-nuqqas ta' mizuri ta' sigurta urew li Roderick Cioffi bhala persuna li kien qed jahdem fuq il-post u naqas li jevalwa il-perikoli tax-xoghol u jiehu l-prekawzjoni necessarja biex jigu skarsati incidenti.

Rat li nhar it-2 ta' Dicembru 2021 xehed **Louis Buhagiar** li pprezenta Employment History tal-akkuzat u dan gie markat bhala dok LB. Minn ezami ta' dan id-dokument jirrizulta li Cioffi kien jahdem self-employed u dan b'effett mill-1 ta' Jannar, 2003.

Rat li l-appellant **Roderick Cioffi** xehed nhar it-2 ta' Dicembru, 2021 u pprezenta disgha ritratti. Dan spjega li huwa kien qed jahdem fil-penthouse ix-xoghol tieghu ta' madum. Mistoqsi jekk jafx li saret spezzjoni dakinhar jghid li ma jafx, jaf li dakinhar kellu jmur il-bennej jaqla' l-injam. Qal li s-sidien stqarrew mieghu li kellu imur il-bennej biex jaqilghu l-ilqugh fil-fatt kienu gja gabu l-injam. Qal li dakinhar kien wasal filghodu. Qal li meta telgha fuq biex jahdem, is-safety kollu hemm kien. Qal li fejn kien qed jahdem hu, ilqugh kien hemm. Huwa pprezenta disgha ritratti biex juri s-safety measure li kien hemm ta' fejn kien qed jahdem. Dawn ir-ritratti gew mehuda mis-sid. Pero mieghu ma kienx ghaliex kien qed iqieghed il-madum.

Qal li l-injam inqala' mill-fond ta' tahtu u kien il-bennej li qalghu ghax kellu bzonnu. Dawn kienu ser jigu replaced b'kurrenti ohra (injamm strixxi). Fejn kien qed jahdem

hu, il-kurrenti hemm kienu ghadhom. Anke opra morta tal-gebel kien hemm kif jidher fir-ritratt.

Jaf li dakinhar kien hemm ufficcjali li ghajjatlu u qallu biex jinzel biex jaraw min kien qed jahdem fil-blokka. Qal li l-ufficcjal li kelmu kienet mara. Qaltlu li ma kienx hemm ilqugh fil-gallerija. Qallha li kien qed jahdem fis-sular tal-penthouse u li kien hemm is-safetly. Offrielha biex titla mieghu izda qaltu li ma kienx hemm ghalfejn. Qallha li jekk hemm xi perikolu seta jitlaq lejn id-dar u qaltlu li setgha ikompli l-gurnata tax-xoghol tieghu Ghalhekk rega telgha fuq u kompla bix-xoghol. L-ufficcjal waslet sa l-ewwel sular. Is-sid wasal fuq il-post ftit wara. Jghid li anke mas-sid iltaqghet l-ufficcjal. Mistoqsi jekk hux minnu li l-ufficcjal qaltlu li setgha ikompli jahdem jghid li iva hekk kien id-diskors.

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-fatt li l-appellant qed jallega li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti.

Illi kif diga' gie ritenut diversi drabi, f'bosta sentenzi l-:

> *"principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment , tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha."* (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[1] u **Il-Pulizija vs Charles Victor Edward Cassar**[2] u ohrajn.)

Ghaldaqstant, kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Guzeppi Bilocca**:[3]

---

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar il-10 ta' Mejju 2002.
[2] Deciz mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar id-29 ta' Mejju 2013.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009.

*'…din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni*** (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[4]; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[5] ; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[6]; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit;**[7] **Il-Pulizija vs Julian Genovese**[8] u ohrajn.'

Illi f'diversi appelli kriminali fosthom **Il-Pulizija vs Anthony Debono**;[9] **Il-Pulizija vs Noel Borg**;[10] **Il-Pulizija vs Brian Barbara;**[11] **Il-Pulizija vs Therese Attard Flores**[12]u ohrajn, kollha jaghmlu referenza ghall-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[13], fejn inghad illi :-

*'Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz,* ***tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi***

[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar fit-12 ta' Mejju, 1994.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 2008.
[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Settembru, 2021.
[10] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Settembru, 2021.
[11] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Settembru, 2021.
[12] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 t' Ottubru, 2021.
[13] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru 1994.

***wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta.'***

Illi tajjeb li jigi enfasizzat illi din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xhieda jixhdu *viva voce* kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti u ghaldaqstant hija zvantagguza ghax ma tkunx rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda. Madankollu, dan ma jfissirx pero min-naha l-ohra li jekk ma semghetx ix-xhieda hi ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li x-xhieda li ddeponew ma kienux kredibbli jew konsistenti f'dak li qalu jew li tali xhieda hi kontradetta minn xhieda ohra. Ghalhekk din il-Qorti ukoll trid taghmel ezami akkurat u approfondit tal-provi sabiex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Illi jirrizulta li bhala fatt l-appellant kien qed jghamel xi xoghol ta' tqeghid ta' madum f'penthouse fil-blokka li kienet ghadha taht kostruzzjoni. Jirrizulta li hu kien semplici haddiem u fis-sulari ta' taht kien ghad fadal xoghol xi jsir. Jidher li fejn kien qed jahdem hu kien hemm ilqugh u anke opramorta kif jirrizulta mir-ritratti. In-nuqqasijiet li kien hemm kienu fis-sulari ta' isfel kif jirrizulta mir-ritratti esebiti. Illi l-appellant ma hux is-sid tal-post u huwa kien hemm jghamel xoghol ta' tqeghid tal-madum. Illi l-ufficcjal ghajtet lill-appellant ghaliex irrizulta li dak il-hin fil-blokka haddiema ohra ma kienx hemm u ghalhekk hadet isem l-appellant u resqet lilu l-qorti ghan-nuqqasijiet li kien fis-sit minkejja li skond l-appellant u mhux kontradett hija tkelmet ukoll ma sid il-blokka.

Jirrizulta ukoll li minkejja li kien hemm dawn in-nuqqasijiet kif deskritti minnha fis-sulari ta' taht, ma nhareg l-ebda enforcement, tant li l-appellant thalla ikompli bix-xoghol li kien qed jghamel.

Illi ghalhekk jekk verament kien hemm dawn in-nuqqasijiet, kellhom jitharku sid il-blokka u is-site officer biex iwiegbu ghal tali nuqqas u mhux l-appellant li kien biss qed iqieghed il-madum fil-penthouse li kienet maghmra skond il-ligi u cioe skond ir-regolamenti tas-Sigurta'.

Ghalhekk din il-Qorti thoss li l-gudizzju milhuq mill-ewwel Qorti ma kienx wiehed 'safe u satisfactory' u konsegwentment qeghda tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar it-2 ta' Dicembru 2021 u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur